MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 409/2006

**Talba Nru: 409/06VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Alexia Cross (ID 316279M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' mija, erbgha u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm164.51c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib n-numru 21586017, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta,

li giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2007 li fiha l-konvenuta deheret u ammettiet it-talba kif dedotta kontra taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija, erbgha u sittin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm164.51c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------